# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 24 ta' April 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 721/96 JAB**

**Tarcisio Caruana**

**vs**

**Paul Hersey**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell maghmul minn Paul Hersey kontra sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-17 ta' Jannar 2001 f'din il-kawza fl-ismijiet premessi liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu l-attur talab:

1) sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi dikjarat responsabbli fi kwota ta' zewg terzi ghall-kollizjoni tal-15 ta' Novembru 1994 gewwa Paola bejn il-vetturi Z-3091 misjuqa mill-attur u l-vettura M-0363 misjuqa mill-konvenut u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur.

2) l-istess Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' mija u tnejn u hamsin liri Maltin (Lm152) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi,

rapprezentanti kwota ta' zewg terzi tad-danni mill-konvenut ikkawzati fl-istess incident stradali.

3) jigi kkundannat il-konvenut sabiex ihallas lill-attur, in linea ta' danni s-somma ta' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm152) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 7 tal-process) li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident de quo jahti unikament l-attur Tarcisio Caruana li minhabba trakuragani u negligenza fis-sewqan tieghu kien il-kawza ta' l-incident stradali meritu ta' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll dak verbalizzat a fol 48 tal-process.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PS 1439 John Tabone</u> (a fol 16 u 44 seq ibid) l-ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz u li esebixxa kopja tar-<u>rapport</u> (a fol 19 ibid) tal-<u>iskizz</u> skalat (a fol 27) u l-hekk imsejjah "<u>RAR</u>" a fol 22 ibid) xehed li Triq Sammat minn fejn kien ghaddej l-attur "hi daqxejn ghat-telgha". Inoltre ma kienx sab xi sinjali ta' "brakes" fuq il-post tal-incident. In rigward il-versjonjiet rispettivi tal-partijiet, ix-xhud specifika li l-<u>attur</u> kien qallu li kien ghaddej minn Triq Santa Ubaldesca u waqaf kantuniera ma Triq Sammat fejn daqq il-horn u qala', meta pero giet il-vettura misjuqa mill-konvenut u habtet mieghu. In rigward il-konvenut, dan kien qalli li kif wasal kantuniera mal-istess Triq Sammat u kien ser jdur lejn Triq Santa Ubaldesca, hu waqaf u daqq il-horn. Meta beda hiereg, giet il-vettura misjuqa mill-attur u saret il-habta. B'referenza ghall-istess skizz, ix-xhud specifika li hu stabilixxa l-"spot of impact" a basi ta "trab tal-kollizzjoni", li skond hu, mal-habta il-vettura misjuqa mill-attur resqet lura u bl-ittra A, hu kien indika, waqt li kien qed jixhed, <u>gebla zghira</u> li kienet tisporgi l-barra "anqas minn xi ghaxar pulzieri". Fl-ahhar hemm indikat fuq l-istess skizz, il-hsarat fiz-zewg vetturi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>attur</u> (a fol 23 et seq ibid) xehed li kien tiela' minn Triq, u sejjer lejn il-Pjazza ta' Rahal il-Gdid. Kif wasal f'<u>inkrocju</u>, hu

waqaf, hares lejn il-xellug u lejn il-lemin u beda jaqla' meta ma ra lill-hadd li kien gej. Hawnhekk fi kliemu stess "Kif bdejt hiereg giet karozza minn quddiemi sparata" u laqtitu fuq il-lemin ta' quddiem tal-vettura tieghu. Inoltre issottolinea li kien di gia qasam "tlett kwarti, tat-triq" (ara ukoll il-hames dokumenti esebiti referibiliment ghall-hsarat fuq il-vettura tieghu u li jinsabu a fol 26 sa 30 tal-process kif ukoll l-erba' ritratti a fol 41 fejn hi msemmija l-lokalita' tal-incident kif ukoll dik il-gebla imsemmija aktar il-fuq).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenut</u> (a fol 42 et seq ibid) xehed li z-zewg toroq in kwistjoni huma toroq laterali u hu kien qed jsuq minn Triq San Ubaldesca sejjer fid-direzzjoni tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Meta wasal <u>fl-inkrocju tal-istess Triq ma' Triq Sammat</u>, hu waqaf, daqq il-"horn" ra li "fil-fehma tieghu" ma kien gej hadd u qasam. Meta, pero', kien kwazi qasam it-triq kollha, giet il-vettura l-ohra u "sabbatni mal-hajt tan-naha l-ohra tat-triq u fejn hemm il-gebla sporguta il-barra liema habta saret, filfatt, fejn PS 1439 John Tabone indika bhala l-"spot of impact" fuq l-iskizz maghmul.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, jinghad li hadd mill-partijiet ittratta verbalment jew ottempra ruhu ma dak verbalizzat a fol 48 tal-process.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jidher mill-fatti kif esposti li l-incident gara f'<u>inkrocju</u> bejn iz-zewg toroq imsemmijin. Mill-istess provi inoltre jidher li dawn huma toroq ta' importanza ugwali u b'hekk il-konvenut kellu jaghti "<u>right of way</u>" lill-vettura tal-attur li kienet qed tinsaq <u>fuq ix-xellug tieghu</u>. Dan premess, kollox jindika, fuq b<u>azi ta' probabbilta li l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet kollha sabiex jara li ma kienx ghaddej traffiku fit-Triq minn</u> fejn kien ghaddej l-attur li kellu precedenza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk jidher li t-talbiet attrici huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli fi kwota ta' zewg terzi (2/3) ghall-kollizjoni tal-15 ta' Novembru 1994 gewwa Paola bejn il-vetturi Z-3091 misjuqa mill-attur u l-vettura M-0363 misjuqa mill-konvenut u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur;

2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm152 rappresentanti kwota ta' zewg terzi (2/3) tad-danni mill-konvenut ikkawzati fl-istess incident stradali;

3) tikkudanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm152 hekk likwidata minn din il-Qorti bl-imghax legali mid-9 ta' Ottubru 1996 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes."

Mill-istess sentenza, kif inghad, appella l-konvenut Paul Hersey permezz ta' rikors tal-appell prezentat fis-7 ta' Frar 2000, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-attur Tarcisio Caruana pprezenta risposta tal-appell fit-22 ta' Novembru 2000, fejn huwa ta r-ragunijiet tieghu ghala l-appell ghandu jigi akkolt u s-sentenza ghandha tigi kkonfermatha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

L-aggravju tal-appellant in sostenn tal-appell tieghu essenzjalment jinsabu fir-rikors tal-appell kif anke fin-nota ta' osservazzjonijiet li ben che' prezentata tardivament giet ammessa minn din il-Qorti wara li ottjeniet l-adezjoni tad-difensur tal-kontro-parti.

L-appellant essenzjalment isostni li jekk wiehed jezamina daqsxejn fejn spiccaw iz-zewg karozzi u l-hsara riskontrata fihom rispettivament, mhux difficli li wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi r-responsabbilita' ghall-kollizjoni de quo kellha tigi akkollata fl-intier taghha lill-appellat, cioe' l-

attur Tarcisio Caruana u mhux kif stabbiliti mill-ewwel Qorti. Essenzjalment l-appellant isostni illi l-karozza tieghu mad-daqqa thabbtet mal-hajt ta' faccata u dan jindika b'mod car li l-attur kien gej b'velocita' qawwija u mhux kif xehed hu u cioe' illi meta wasal fl-inkrocju waqaf u hares biex jara jekk kienux gejjin vetturi ohra. Anqas m'hu veru simili dak illi xehed l-attur u li l-ewwel Qorti jidher illi emmnet u cioe' illi l-konvenut kien gej sparat, cioe' b'velocita' qawwija.

L-appellanti jissottometti wkoll illi ma jistax ikun minnu illi l-attur kien diga' qasam tlett kwarti mit-triq. Kieku kien hekk allura l-vettura tal-attur kienet tinstabat mal-hajt bid-daqqa moghtija mill-vettura tal-konvenut u mhux bil-kontra.

Effettivament din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tal-appellanti ghal zewg ragunijiet.

1. Fl-ewwel lok mill-iskizz jirrizulta fejn hu l-ispot of impact u minn dan ghandu jkun evidenti illi l-karozza tal-attur kienet diga' waslet jew qabzet nofs l-inkrocju, u li l-karozza tal-konvenut evidentement anticipat il-point of impact fis-sens illi, l-attur li kellu r-right of way sab dik il-karozza tostakolah. Id-dinamika certament mhijiex kif qieghed jipprospetta l-appellant.

2. Fit-tieni lok ghalkemm l-appellanti jaghmel riferenza ghar-ritratti li minnhom suppost kellu jirrizulta l-ammont ta' hsara kagunata fil-karozza tieghu kif anke f'dik tal-attur bil-konsegwenza li din il-Qorti, ghandha tasal ghall-konkluzjoni illi l-attur kien gej bi speed eccessiv, ma jirrizultax minnu. Infatti din il-Qorti ma hi impressjonata xejn bir-ritratti msemmija u ma tarax illi hemm xi aspetti li tista' tohrog konkluzjoni minnhom illi t-tezi tal-appellat, cioe' tal-attur, mhix attendibbli u li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghtiha affidabilita'.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata kif effettivament qed tigi billi din il-Qorti qed tirrigetta l-appell interpost. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi. Dawk ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-konvenut appellant.

Dep/Reg

mg